A.L. 315 ta' l-2003

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Kampjun ta' Ċertifikati tal-*Pedigree* għall-*Ova* ta' Annimali għat-Tgħammir ta' Speċi Bovina u Partikolaritajiet Relattivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34(a) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2003 dwar Kampjun ta' Ċertifikati tal-*Pedigree* għall-*Ova* ta' Annimali għat-Tgħammir ta' Speċi Bovina u Partikolaritajiet Relattivi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimenta r-regoli mniżżla taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja 96/80/EC li tistabbilixxi kampjun taċ-ċertifikati tal-*pedigree* għall-*ova* ta' annimali għat-tgħammir ta' l-ispeċi bovina u l-partikularitajiet li għandhom jiddaħħlu fuq dawk iċ-ċertifikati. Din id-Deċiżjoni issib il-bażi legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja 77/504/EEC, artikolu 5 u artikolu 6 (1), il-ħames indent.

Partikolaritajiet li jridu jissemmew fiċ-ċertifikat għal kummerċ ma' Stati Membri

2. (1) Dawn il-partikularitajiet li ġejjin iridu jissemmew fiċ-ċertifikat għal kummerċ ma' Stati Membri ta' l-*ova* ta' annimali għat-tgħammir ta' l-ispeċi bovina -

(a) informazzjoni aġġornata kif elenkata fl-artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 86/404/EEC dwar il-baqra donatura kif ukoll il-grupp tad-demm tagħha jew ir-riżultati ta' testijiet li jipprovdu garanziji xjentifiċi ekwivalenti biex ikun verifikat il-*pedigree* tagħha;

(b) informazzjoni li tippermetti identifikazzjoni, ta' l-*ovum*, id-data ta' meta nġabret u l-ismijiet u l-indirizzi taċ-ċentru ta' ġbir ta' l-*ovum* u min irċeviha.
Jekk hemm aktar minn *ovum* wieħed fi *straw* waħda, dan irid ikun indikat b'mod ċar u aktar minhekk l-*ova* jrid ikollhom kollha l-istess *dam.*

Kif għandhom il-partikolaritajiet jiġu provduti fiċ-ċertifikat

3. Il-partikolaritajiet provduti fir-regolament 2 jistgħu jiġu indikati –

(1) Fil-forma ta' ċertifikat li jkun jikkonforma ma' l-eżempju fl-Iskeda.

(2) F'dokumentazzjoni li takkumpanja l-ova tal-bovin. F'dan il-każ l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċertifikaw li l-partikolaritajiet imfassla fir-regolament 2 huma indikati f'dawk id-dokumenti permezz tal-formula li ġejja -

"Dan hawn taħt iffirmat jiċċertifika li dawn id-dokumenti fihom il-partikolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 96/80/EEC."

SKEDA

EŻEMPJU TAĊ-ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU

għal Kummerċ intra-Komunitarju ta' ova ta' annimli ta' l-ispeċi bovina għat-tgħammir

ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU GĦAL OVA	
A. Partikularitajiet ta' baqra donatura	
1. Korp li joħroġ iċ-ċertifikat	2. Razza
3. Isem tal-ktieb tar-razza	
4. Isem ta' l-annimal	5. Numru tal-ktieb tar-razza
6. Sistema ta' identifikazzjoni (*earmark, tattoo, microchip,* eċċ)	7. Numru ta' identifikazzjoni
8. Data tat-twelid	9. Grupp tad-demm (*)
10. Isem u indirizz ta' min irabbi	
11. Isem u indirizz tas-sid	
12. *Pedigree*	
Sire	*Grandsire*
Numru tal-ktieb tar-razza	Numru tal-ktieb tar-razza *Granddam*
Dam	Numru tal-ktieb tar-razza *Grandsire*
Numru tal-ktieb tar-razza	Numru tal-ktieb tar-razza *Granddam*

Numru tal-ktieb tar-razza

13. Riżultati ta' *performance tests* u riżultati aġġornati ta' valur ġenetiku bl-isem tal-korp li assessja l-valur ġenetiku, fuq l-annimal stess u l-ġenituri u n-nanniet tiegħu (fejn jistgħu jinkisbu)

Magħmul fil-.. .. .., fi .. ..

Firma.. .. ..

ISEM B'ITTRI KBAR U KARIGA TAL-FIRMATARJU

.. ..

(*)Jew metodu ieħor xieraq approvat skond il-leġislazzjoni tal-Komunità

ĊERTIFIKAT ŻOOTEKNIKU GĦAL OVA

B. Partikularitajiet ta' ova

1.Sistema ta' identifikazzjoni ta' ova (kulur, numru)	2. Identifikazzjoni tal-kontenitur

3. Oriġini ta' l-ova (Indirizz tat-tim ta' ġbir ta' ova)

4. Destinazzjoni ta' l-ova (isem u indirizz ta' min jirċievi)

Identifikazzjoni ta' *straw*	**Numru ta' ova kull *straw***	**Data tal-ġabra**

Magħmul fil-.. .. .., fi .. ..

Firma .. ..

ISEM B'ITTRI KBAR U KARIGA TAL-FIRMATARJU

.. ..